MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 12/2010

**David Bugeja (I.D. 495088M)**

***kontra***

**Robert Camilleri (I.D. 238983M)**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors mahluf prezentat fis-7 ta' Jannar 2010 li jaqra hekk

*1. Illi huwa s-sid tal-vettura ta' l-ghamla Toyota Auris bin-numru tar-registrazzjoni DAV 288 ;*

*2. Illi fil-21 ta' Awissu 2009 ghall-habta tas-siegha u ghoxrin ta' bil-lejl (01.20) waqt illi l-esponenti kien qed isuq il-vettura tieghu msemmija fi Triq Mikelang Sapiano, Zebbug, Malta diehel fid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug, huwa kien involut f'incident awtomobilistiku mal-*

*vettura tal-ghamla Mitsubishi Pajero bin-numru tar-registrazzjoni GAB 356 misjuqa mill-intimat Robert Camilleri – u dana bhalma jirrizulta mir-rapport mhejji mis-socjeta’ Sterling Security Limited anness u mmarkjat bhala DOK DB1 ;*

*3. Illi f’dan l-incident il-vettura misjuqa mir-rikorrent intefghet ukoll fuq vettura ohra ipparkjata, propjeta’ ta’ terz, li wkoll soffriet il-hsara ;*

*4. Illi l-incident in kwistjoni sehh unikament tort ta’ l-intimat Camilleri u minhabba traskuragni, imperizja u negligenza da parti tieghu ;*

*5. Illi bhala konsegwenza ta’ dan l-incident, ir-rikorrent Bugeja sofra danni konsistenti f’danni materjali kemm damnum emergens kif ukoll lucrum cessans, u dana kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*6. Illi interpellat sabiex ihallas permezz ta’ ittra bonarja datata 10 ta’ Settembru 2009 (DOK DB2) u ittra ufficjali tas-27 ta’ Ottubru 2009 (DOK DB3 u DOK DB4) l-intimat baqa’ inadempjenti u ghaldaqstant kellhom jigu istitwiti l-proceduri odjerni ;*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex -*

*1. Tiddikjara illi l-incident awtomobilistiku illi sehh fil-21 ta’ Awissu 2009 fi Triq Mikelang Sapiano, Zebbug, Malta, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAV 288 misjuqa mir-rikorrent u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAB 356 misjuqa mill-intimat Camilleri sehh unikament tort ta’ l-istess intimat Camilleri ;*

*2. Tillikwida kull somma ta’ danni sofferti mir-rikorrenti in segwitu ta’ l-incident awtomobilistiku msemmi, occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi ;*

*3. Tikkundanna lill-intimat Camilleri sabiex ihallas kull somma ta’ danni hekk likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tal-10 ta' Settembru 2009 u ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Ottubru 2009, u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat illi huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.*

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur flimkien mal-lista tad-dokumenti li kienu annessi mar-rikors promotorju.

**Rat** ir-risposta guramentata tal-konvenut prezentata fit-18 ta' Frar 2010 li taqra hekk –

*1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident mertu ta' din il-kawza l-eccipjent ma kellu ebda tort stante li l-incident gara unikament b'tort tar-rikorrenti stess minhabba speed eccessiv tant li l-vettura tal-intimat giet spustjata lagenba tul ta' metri.*

*2. Illi ghalhekk it-talbiet attrici kif diretti fil-konfront tal-intimat ghandhom jigu respinti in toto bl-ispejjes.*

*3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.*

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

**Qieset** bir-reqqa l-provi tal-partijiet.

**Rat** l-atti tal-kawza.

**Semghet** it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-3 ta' Gunju 2010.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-3 ta' Gunju 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat :**

**Lokalita' tal-Incident**

L-incident mertu ta` din il-kawza gara fi Triq Mikelang Sapiano, Haz-Zebbug. Prattikament din it-triq tibda minn hdejn ir-*roundabout* faccata tal-Iskola tas-Sorijiet Dorotei u tibqa` sejra lejn ic-centru ta' Haz-Zebbug. Mid-direzzjoni tar-*roundabout*, fil-prossimita` tan-nicca ta' Santa Marija, it-triq tilwi lejn il-lemin pero` mbaghad tkompli u tibqa` sejra ghad-dritt u fit-tul. L-incident gara fid-dritt. Fuq ix-xellug taghha, hemm il-bini u xi toroq tal-genb. Mal-lemin, hemm l-eghlieqi. It-triq mhix senjalata jew diviza f`karreggjati, pero` hija triq pjuttost wiesgha, asfaltata tajjeb, toffri l-kumdita` ta' parkegg u tiehu t-traffiku fiz-zewg direzzjonijiet. Hemm spazju u wisgha bizzejjed biex vettura f'kull direzzjoni tghaddi komda. Fil-lokalita` hemm djar residenzjali u l-illuminazzjoni pubblika hija adegwata.

**Ikkunsidrat :**

**<u>Provi dwar Responsabilita'</u>**

Il-partijiet kienu l-unici xhieda okulari tal-incident.

**<u>L-attur</u>** xehed li kien qed isuq il-vettura propjeta` tieghu go Triq Mikelang Sapiano mid-direzzjoni ta' Hat-Attard. Kien wara nofs il-lejl u t-triq kienet vojta. L-unika vettura ghaddejja fit-triq kienet dik misjuqa mill-konvenut li kienet quddiemu sejra fl-istess direzzjoni tieghu. Iltaqa` maghha minn hdejn ir-*roundabout* faccata tal-Iskola tas-Sorijiet Dorotei. Fi Triq Mikelang Sapiano, man-naha tad-djar, kien hemm xi parkegg ta' vetturi mal-bankina. Il-vettura tal-konvenut kienet boghod minnu tul ta` madwar tliet karozzi. L-i*speed* taz-zewg vetturi kien l-istess u cioe` madwar 75 kmfs. Skond l-attur, b'riferenza ghall-konvenut, *hu kiser fuq il-parti l-ohra tat-triq u qasam il-lane* lejn in-naha l-ohra tat-triq. Il-konvenut kiser lejn il-lemin u naqqas naqra l-i*speed* tieghu. L-attur baqa` ghaddej normali bl-istess *speed* ghax il-passagg quddiemu kien *clear*. Skond l-attur, b'riferenza ghall-konvenut, *f`daqqa wahda qabad u kiser fuqi* u allura lejn ix-xellug bla ma xeghel l-*indicator*. L-attur ighid - *tela` fuq il-karozza tieghi u waqafna hu jhokk mieghi u tefghani fuq karozza ohra li kienet ipparkjata.* Wara l-incident, irrizulta li l-konvenut ried jidhol go *garage at street level* ta` dar fuq ix-xellug tat-

triq. Ix-xatba kienet maghluqa. Fil-waqt tal-habta, skond l-attur, il-konvenut *ma darx kompletament ghax jien hadtu mill-genb tieghu.* Il-vettura tal-attur kellha hsara fuq quddiem in-naha tal-lemin: min-nofs il-*bonnet* lejn il-*mudguard*, filwaqt li l-vettura tal-konvenut kellha hsara fil-genb tax-xellug taht il-bieba. Wara l-incident, fil-wicc tat-triq, ma kienx hemm sinjali ta’ brakes jew ta` *tyres* izda kien hemm barxa kkagunata mic-*chassis* tal-vettura tieghu. Bid-daqqa, il-vettura tal-konvenut rikbet fuq tal-attur li mbaghad mexxiet `il quddiem il-vettura tal-konvenut u baqghu mwahhlin.

**<u>Il-konvenut</u>** xehed li huwa dar mar-*roundabout* li tinsab faccata tal-Iskola tas-Sorijiet Dorotei mid-direzzjoni tar-Rabat. Huwa jirrisjedi fi Triq Mikelang Sapiano. Mir-*roundabout* sad-dar tieghu, hemm distanza ta’ minn 600 sa 700 metru. Qal hekk *meta avvicinajt id-dar xeghelt l-indicators gbidt fuq in-naha tat-triq l-ohra jigifieri fuq in-naha tar-right.* Mar fuq in-naha l-ohra tat-triq, kif accetta li ghamel il-konvenut, ghax il-vettura tieghu hija Pajero (mhux mill-kbar) u ried jikkwartja. Ippreciza li huwa xeghel il-*hazard lights*. Il-Qorti staqsiet lix-xhud hekk – *Jekk inti ridt taghmel turning to the left ghala xeghelt il-hazard lights u ma xegheltx l-indicator …* Il-konvenut wiegeb – *Il-ghaliex meta jien ha nkun ninety degrees se jkun hemm vettura gejja mill-faccata li trid tarani u karozza gejja minn warajja li trid tarani.* Ighid li meta mar lejn il-lemin il-vettura tieghu kwazi waqfet ghal kollox. U jghid – *meta deherli li ma kien gej hadd, gbidt biex nigi facing id-dar tieghi. Mal-hin nisma` l-habta jigifieri jien indunajt bil-hoss u bid-daqqa.* Il-konvenut isostni li qabel dar lejn ix-xellug, huwa hares fil-mirja *biex nara li m’hemm hadd gej mill-faccata.* F`ebda waqt ma ra l-vettura tal-attur u lanqas ma kien konxju taghha. Il-konvenut fisser li waqt il-habta kien ghadu fil-karreggjata u qala` d-daqqa *meta kont facing id-dar tieghi, jigifieri kien jonqos forsi two metres ohra biex nidhol gol-grada.* Ikkonferma li l-vettura tieghu hadet id-daqqa fiz-zaqq u spiccat fil-*garage* tal-gar tieghu. Bejn il-post fejn sfat milquta sal-post fejn waqfet, il-vettura tieghu resqet distanza tal-wisgha ta’ awla tal-Qrati Superjuri.

Ghalkemm ma kienx xhud tad-dinamika tal-incident, din il-Qorti se tqis ix-xhieda ta' **<u>Mario Borg</u>** gar tal-konvenut u li l-vettura tieghu li kienet ipparkjata max-xellug fi Triq Mikelang Sapiano sofriet hsara fl-incident. Id-dar tax-xhud kienet fuq ix-xellug (u allura aktar 'l fuq lejn id-direzzjoni opposta minn fejn gew iz-zewg vetturi) tal-*garage* fejn ried jidhol il-konvenut. Ix-xhud kien mistoqsi hekk - *... l-garage tieghu* (tal-konvenut) *u minn fejn gara l-accident kemm hemm boghod, mid-drive in tieghu safejn sibt il-Pajero inti meta hrigt ...* U wiegeb - *... kien hemm it-tul tal-karozza tieghi u qisja quddiemha.* Mir-rapport tal-*warden*, jirrizulta li l-vettura tax-xhud kienet Opel Corsa.

**Ikkunsidrat :**

**<u>Konkluzjonijiet dwar Responsabilita'</u>**

<u>In linea generali</u>, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-23 ta' Frar 1962 fil-kawza fl-ismijiet **<u>"Debono vs Camilleri et"</u>** (Vol.XLVI.I.112) irriteniet li sewwieq ghandu zewg dmirijiet ewlenin li jrid josserva kull hin –

i) li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi tal-mument bhal ma huma jekk ikun qed isuq bil-lejl, jekk il-vizwali tieghu tkun ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u rapporti ohra kontingenti ;

ii) li jzomm *a reasonable and careful lookout* liema dmir jimpika li driver ghandu jara dak li huwa ragonevolment vizibbli
(*the duty to look implies the duty to see what is in plain view*).

Dan premess, iregi wkoll ghall-kaz tal-lum dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-20 ta' Jannar 1967 fil-kawza **<u>"Bongailas vs Mercieca</u>**" –

*Il-kwistjoni tar-responsabilita' f'incidenti stradali wisq rarament tista' tigi risolta semplicement bl-applikazzjoni ta'*

*regoli a priori. Ir-regoli generali jistghu jghinu bhala gwida izda kull kaz jiddipartixxi minn iehor u jrid jigi risolut in basi ghall-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari tieghu.*

F`dan l-incident, it-tema centrali kienet li z-zewg vetturi kienu ghaddejjin wara xulxin. Mument minnhom, ix-xufier ta` quddiem u cioe` l-konvenut ried jidhol gol-*garage* tad-dar fejn joqghod sitwat fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Biex jaghmel dan, qasam lejn il-lemin tat-triq u wara dar lejn ix-xellug biex jipprepara d-dhul. Meta kien miksur ghadu fil-karreggjata tax-xellug saret il-habta mal-vettura tal-attur.

Fl-apprezzament ta` dinamika ta` din ix-xorta, din il-Qorti issib xebh ma` dawk il-kollizjonijiet li jsiru bejn zewg vetturi ghaddejjin wara xulxin, fejn il-vettura ta` quddiem tittenta li thalli t-triq principali sabiex tidhol fi triq sekondarja fuq ix-xellug u waqt li qed taghmel dan issir habta mal-vettura ta` warajha. F`habta bhal dik, l-argument tax-xufier ta` quddiem ikun li huwa qieghed quddiem u qed idur fuq ix-xellug, u ghalhekk jispetta lix-xufier ta` wara li jahseb biex izomm boghod bizzejjed mill-vettura ta` quddiemu sabiex din iddur bla xkiel. L-argument tax-xufier tal-vettura ta` wara jkun li l-fattur tad-distanza huwa rrilevanti f'kollizjoni ta` din ix-xorta ghaliex l-incident ikun sehh ghaliex il-vettura ta` quddiem, ghal raguni jew ghal ohra, tkun zammet wisq 'il barra mill-karreggjata propja taghha u teffettwa d-dawra lejn ix-xellug b'mod li timblokka l-karreggjata propja tal-vettura ta` wara. U dak li jaghmel il-kaz divers minn habta ta' vettura fuq il-wara tal-vettura ta` quddiemha huwa propju l-fatt li fl-incident li qed ikun trattat il-hsara tal-vettura ta` quddiem tkun fil-genb tax-xellug prattikament fiz-zaqq (mhux fuq wara) filwaqt li l-hsara tal-vettura ta` wara tkun fil-faccata.

<u>In linea generali</u>, f`kollizjonijiet ta' dan it-tip, il-htija tkun tax-xufier tal-vettura ta` quddiem u hekk kien deciz mill-Qrati taghna (ara : "**<u>Ellul vs Bianchi</u>" –** Prim'Awla tal-Qorti Civili – GCD – 23 ta' Marzu 1998 ; "**<u>Deguara vs Azzopardi</u>"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili (FDP) – 9 ta' Novembru 2001 ; **"<u>Bartolo vs Abela</u>" –** Qorti tal-Magistrati (Malta) (MM) – 25 ta' Gunju 1997 ; "**<u>Giglio vs</u>**

**Agius"** – Qorti tal-Magistrati (Malta) (MM) - 9 ta' Novembru 1998 ; "**Middle Sea Insurance Company Limited vs Calleja"** – Qorti tal-Magistrati (Malta) (MM) - 1 ta' Marzu 1999 ; "**Elmo Insurance Services Limited noe et vs Grech"** – Qorti tal-Magistrati (Malta) – (MM) – 5 ta' Lulju 1999 ; "**Said vs Muscat" –** Qorti tal-Magistrati (Malta) (MM) - 29 ta' Novembru 1999 ; "**Elmo Insurance Services Ltd noe et vs Farrugia"** – Qorti tal-Magistrati (Malta) (MM) - 19 ta' Frar 2001 ; "**Middle Sea Insurance plc et vs Borg" –** Qorti tal-Magistrati (Malta) (SM) – 15 ta' Marzu 2001 ; "**Untours Insurance Agents Ltd noe et vs Caruana" –** Qorti tal-Magistrati (Malta) (SM) – 22 ta' Mejju 2002 ; **"Atlas Insurance Agency Ltd noe et vs Pace" –**Qorti tal-Magistrati (Malta) (SM) – 5 ta' Marzu 2003 ; **"Bonnici et vs Abela et" –** Tribunal Ghal Talbiet Zghar (AE) – 16 ta' Settembru 2003).

Din il-Qorti tghid li din ix-xejra ta` hsieb ghandha tapplika *di piu*` fil-kaz tal-lum fejn ghalkemm il-konvenut ma kienx se jdur fuq ix-xellug biex jidhol fi triq sekondarja, kien certament ried idur fuq ix-xellug biex jidhol go *garage*. Ghal din il-Qorti, il-manuvra tieghu kienet aktar insidjuza u kellha titwettaq ghalhekk bil-galbu u bl-attenzjoni. Fil-kaz ta` manuvri ta` din ix-xorta u ohrajn bhal dawk specifikament trattati fil-paragrafu ta` qabel dan, il-*Highway Code* ighid hekk -

*Before changing direction, reduce speed and keep a watch on the traffic behind you by glancing in your mirror* (Art.76)

*Before changing direction to the left, keep as much as possible to the left-hand kerb well in advance of the turning ... Do not swing out to the right before turning left ...* (Art.77)

*When changing direction, you must invariably signal your intention to turn well in advance and make sure that it is safe to do so by looking in your mirror. Make sure that your direction indicator gives the signal intended* ... (Art.79)

Irrizulta li l-konvenut kien qed isuq vettura Pajero. Din il-Qorti minn banda tifhem li fil-fattispece tal-kaz il-Pajero ma setghetx tinsaq wisq vicin ix-xellug tat-triq ghax altrimenti ma tkunx tista` tidhol fil-*garage* minghajr ma jkollha tirrikorri ghal serje ta` manuvri ohra fil-karreggjata b`inkonvenjent ghal utenti ohra tat-triq, mill-banda l-ohra pero` ma kien hemm l-ebda htiega li l-Pajero tmur addirittura 'l hinn minn nofs it-triq fuq il-lemin sabiex iddur lejn ix-xellug halli tikkwartja ahjar u tohrog mill-karreggjata propja taghha. Dan huwa ezempju car ta` imperizja.

L-imperizja tal-konvenut issib konferma anke mill-fatt li bhal donnu kellu kunfidenza zejda fit-twettieq tal-manuvra ghar-raguni li fil-waqt tal-manuvra kollha, ix-xatba tal-*garage* baqghet maghluqa li jfisser li anke li kieku ma *garage* l-incident il-konvenut kien se jkollu jieqaf imdawwar kollu lejn ix-xellug u jimblokka l-wisgha tal-karreggjata kollha tax-xellug bit-tul tal-Pajero sabiex jinzel jiftah ix-xatba biex jidhol, dan b`riskju (mhux semplici inkonvenjent) ghal utenti ohra tenut kont tad-dlam.

Din il-Qorti tkompli ssostni li l-konvenut mhux biss wera imperizja izda traskuragni manifesta meta wettaq il-manuvra minghajr *proper lookout* u minghajr l-uzu tal-*indicator.*

Ladarba l-konvenut ghazel li jittenta l-manuvra bil-mod kif fisser, kien imperattiv ghalih li juza *proper lookout* kemm ghat-traffiku gej mill-faccata u dak ta' warajh u dan sabiex jaccerta ruhu minn qabel li mhux biss jista` jibda izda anke iwettaq il-manuvra minghajr xkiel jew periklu ghal haddiehor. Eppure rrizulta minn kliem il-konvenut stess li ghalkemm ma kellu l-ebda ostakolu ghall-vizwali mhux biss qatt ma ra l-vettura tal-attur izda mank kien konxju taghha. Ghal din il-Qorti dan ifisser li jew ma harisx tajjeb warajh jew addirittura ma hares xejn.

Mankanza ohra netta u cara tal-konvenut kien ukoll il-fatt li dan ma ghamilx uzu tal-*indicator* izda tal-*hazard lights* biex iwettaq il-manuvra. Apparti l-kwistjoni jekk tassew kienx xeghel il-*hazard lights* <u>qabel</u> l-incident (li huwa kontestat mill-attur) l-obbligu tal-konvenut ma kienx li

jixghel il-*hazard lights* waqt it-twettieq tal-manuvra izda l-*indicator*. U l-ispjegazzjoni li ta ghala xeghel il-*hazard lights* tixhed nuqqas ta’ taghrif mill-konvenut dwar l-uzu tad-dwal tal-vettura tieghu. Izda anke li kieku l-konvenut xeghel l-*indicator*, din il-Qorti tghid li dak il-fatt ma jtaffi xejn mill-posizzjoni tal-konvenut ghaliex l-uzu ta` l-*indicator* mhux alternattiv ghal esercizzju ta` *proper lookout*. It-tnejn iridu jigu applikati flimkien. U propju ghax il-*lookout* tal-konvenut, almenu ghal seta` kien gej minn warajh, kienet assenti ghal kollox gara li l-konvenut *failed to see what was in plain view and was unaware of what was happening in his immediate vicinity.*

Il-konvenut iddefenda ruhu f’din il-kawza billi sostna li l-incident gara unikament tort tal-attur minhabba *speed* eccessiv.

Bhala fatt, il-konvenut ma jistax jasal *di scienza propria* li jghid li l-attur qed isuq bi *speed* eccessiv ghar-raguni li f’`ebda waqt qabel il-habta ma kien ra l-vettura tal-attur. Allura il-konvenut ikollu jistrieh fuq konsiderazzjonijiet ohra. Infatti qed isostni li bid-daqqa li qalghet il-Pajero mxiet lagenba u lura certament tul ta’ Opel Corsa (l-vettura tax-xhieda Mario Borg) kif ukoll ghaliex bil-hsara li kellha l-vettura tal-attur spiccat *beyond economical repair.*

*Ex admissis* l-attur kien qed isuq bi *speed* ta’ 75 kmfs u hekk kien l-i*speed* tieghu on impact.

Skond ir-Reg.127(1) tal-*Motor Vehicle Regulations 1994* (A.L. 128 tal-1994 kif emendat), ghal vettura bhal dik misjuqa mill-attur, l-i*speed* massimu f’belt jew rahal huwa ta’ 50 kmfs waqt li l-i*speed* massimu barra minn belt jew rahal huwa ta’ 80 kmfs.

Illum difficli tasal biex tiddetermina t-tifsira ta’ *belt jew rahal* ghall-fini tal-applikazzjoni ta’ dawn l-i*speed limits* ghar-raguni li daz-zmien fil-pajjiz tant sar bini fejn sa ftit snin ilu kienu eghlieqi li mhux kompitu facli tghid fejn huwa *in* u fejn huwa *outside* belt jew rahal. Huwa propju ghalhekk li dawk il-limiti ta’ velocita` fil-kuntest ta` danni civili, aktar milli fi proceduri tal-pulizija, ghandhom jitqiesu

dejjem *flimkien* ma' fatturi ohra li jiddeterminaw ir-responsabilita` ghad-danni.

Dak premess jaghmel hafna sens fil-kaz in esami. L-incident gara Haz-Zebbug. Pero` ma *garage* fil-qalba tar-rahal bhal hdejn il-Knisja Parrokkjali fejn altru milli jaghmel sens li xufier ma jixref qatt oltre l-limitu tal-50 kmfs. Fil-kaz tal-lum, l-incident gara f'tarf Haz-Zebbug, matul il-lejl, fi triq vojta ghal kollox mit-traffiku, u fejn ghalkemm hija residenzjali, hemm naha minnha taghti fuq l-eghlieqi. Mela certament hawn mhux si tratta ta' *village core.*

Tinsorgi d-domanda : Il-fatt li l-attur kien ghaddej bil-75 kmfs jew aktar kien fattur determinanti jew kontributorju ghall-fini tar-responsabilita` ta` dan l-incident partikolari.

Wara li qieset id-dinamika shiha tal-incident, din il-Qorti tghid le. Huwa veru li effett tal-habta l-Pajero tressqet lura u l-vettura tal-attur kellha daqqa kbira (kif jixhdu r-ritratti esebiti) u spiccat *a total loss* pero`, kollox konsiderat u xejn eskluz, din il-Qorti tghid li ma kenitx il-velocita` tal-vettura tal-attur li wasslet wahedha jew *in parte* ghall-incident izda l-manuvra ghal kollox zbaljata tal-konvenut. F`dak li qed tafferma, din il-Qorti ssib sostenn seren, u ghalhekk taghmel ampja riferenza, fl-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Bonello vs Baldacchino**" deciza fil-15 ta' Jannar 1997 u dawk ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza "**Stanley vs Zahra**" (PA/JSP) deciza fit-23 ta' Marzu 1993.

Ghalhekk din il-Qorti, filwaqt li tirribadixxi li l-kawza unika u determinanti ta' dan l-incident kien is-sewqan hazin tal-konvenut, minghajr l-ebda htija kontributorja da parti ta' l-attur, **tilqa` l-ewwel talba attrici** kif dedotta.

**Ikkunsidrat -**

**Provi dwar id-Danni**

**L-attur** xehed li l-vettura tieghu kienet Toyota Auris 14 *hatchback three-door* b`magna *diesel*. Huwa kien xtara l-vettura gdida xi tmien xhur qabel l-incident ghall-prezz ta`

€21,195 skond l-*invoice* DOK MZM1 datata 14 ta’ Jannar 2009. Huwa kien assikurat skond “third party full fire and theft insurance policy” u ghalhekk is-*survey* tal-hsara li hu garrab f`dan l-incident sar minn *surveyor* inkarigat minn Citadel Insurance plc li kienu l-assikuraturi tal-konvenut. Dan is-*survey* sar ghand l-agenti tat-Toyota, Michael Debono Ltd, fejn ittiehdet il-karozza wara l-incident u fejn baqghet sal-lum. Is-*surveyor* koncernat kien iddikjara l-vettura “beyond economical repair”.

**L-attur** ressaq ukoll xi dokumenti ohra ghall-fini tal-prova tad-danni. Minn dawn id-dokumenti jirrizulta hekk -

a) Abbazi ta’ DOK PF4 datat 28 ta’ Jannar 2009, li huwa l-kuntratt tal-bejgh, jidher prezz tal-vettura in kwistjoni fl-ammont ta` €19,995.67.

b) L-*invoice* DOK PF1 bid-data tal-31 ta’ Dicembru 2008 turi li l-*vehicle price* kien €20,596. Ghax kellha l-kulur *Eclipse Black* l-attur kien mistenni jhallas €599.99 izjed. Pero` mbaghad l-attur inghata *discount* ta` €1200 sabiex bl-aggunta ta` *charges* ohra, il-prezz tal-karozza gie €20,499.

c) Skond DOK PF2 jirrizulta li fis-7 ta’ Settembru 2009 il-prezz ta` vettura gdida bhal li kellu l-attur kien €21,110.

d) Skond DOK PF3, jirrizulta li fit-18 ta’ Mejju 2010 il-prezz ta` vettura gdida bhal li kellu l-attur kien €21,590.

**Adriana Spiteri**, rapprezentant ta` Citadel Insurance plc, esebiet kopja ta` rapport datat 25 ta’ Awissu 2009 li s-*surveyor* taghhom Natalino Agius kien hejja dwar il-hsara riportata mill-vettura tal-attur bhala konsegwenza tal-incident de quo. Ir-rapport huwa markat DOK AS1. Skond ir-rapport – *The vehicle as new costs €19,500. Estimated pre-accident value estimated around €17,800. Wreck value estimated around €4000.*

**Natalino Agius** ikkonferma r-rapport tieghu DOK AS1. Huwa xehed li wasal ghall-*preaccident value* ta’ €17,800 *wara li ddiskutejt mat-Toyota mal-agent.* Dwar il-valur ta’

€19,500 *as new*, stqarr li wasal ghal dik il-figura meta staqsa lill-agent kemm kienet tiswa` vettura tal-mudell li kellu l-attur u bl-istess specifications. Sar jaf ukoll li l-attur kien akkwista l-vettura gdida pero` ghal prezz aktar oghli, liema prezz kien in segwitu rohos ghal ragunijiet kummercjali. Meta sar is-*survey*, il-vettura kellha 4600 km u allura kienet ghadha gdida. Cio` nonostante ma kellux ghalfejn jirrevedi l-istima tal-preaccident value ghar-raguni li fisser dwar ir-rohs fil-prezz tal-vettura.

**Paul Formosa** rapprezentant ta` Michael Debono Ltd., agenti lokali tat-Toyota, ikkonferma l-awtenticita` ta` DOK PF1 sa PF4. Huwa xehed li l-prezz tal-bejgh kien €20,499. Il-prezz kien skontat ghax il-prezz originali kien €1,200 aktar. Kien skontat ghax kellhom offerta dak iz-zmien u kienu qed jaghtu skond ta` €1,200. Il-prezz originali tal-karozza kien €21,699 u bl-€1,200 skontati l-prezz gie €20,499. Dan jirrizulta minn DOK PF1. Il-prezz tal-vettura minn meta xtraha l-attur sad-data tat-3 ta' Gunju 2010 baqa' kwazi kwazi l-istess, hlief ghal xi €200. Infatti fit-3 ta' Gunju 2010, il-karozza kienet qeghda tinbiegh ghal €21,400.

**Ikkunsidrat –**

**Likwidazzjoni tad-Danni**

Abbazi tal-provi akkwiziti, jirrizulta li l-attur garrab *damnum emergens* skond kif jipprovdi l-**Art.1045(1) tal-Kap.16**.

Issa huwa principju tad-dritt fil-kamp tal-kompensazzjoni ghal danni, inkluz allura fejn si tratta ta' *damnum emergens* li "*l-attur ghandu kemm jista' jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagjonata l-hsara*" ("**Tufigno vs Micallef noe**", Appell Civili, 23 ta' April 1965).

Fil-kaz tal-lum, irrizulta li konsegwenza tal-hsara li garrbet fl-incident, il-vettura tal-attur spiccat *beyond economical repair.* Id-danneggjat ghandu l-jedd li jigi rimborsat tad-danni kollha li sofra u li jerga' jitqieghed regonevolment fl-

istat li kien qabel l-incident. Dan ghaliex ir-risarciment ghandu jirreintegra l-patrimonju tad-danneggjat minn kull konsegwenza ekonomika sfavorevoli ghalih li jgib mieghu l-event dannuz. Ghalhekk ir-risarciment ghandu jikkonsisti f'somma li ragonevolment twassal ghall-valur tal-utilitajiet mitlufa. (**"Galea pro et noe vs Gatt et"** – Appell Civili – 24 ta' Novembru 1958 ; **"Zammit vs Calleja"** – Appell Inferjuri – 12 ta' Jannar 1977 ; "**Sant vs Borg" -** Prim' Awla tal-Qorti Civili, 3 ta' Ottubru 1979 u ohrajn aktar ricenti fosthom **"Zammit et vs Middlesea Insurance plc"** – Appell Inferjuri – 12 ta' Marzu 2010). Naturalment din ir-regola tar-*restitutio in integrum* hija kwalifikata minn regola ohra li bhala bilanc torbot lid-danneggjat sabiex jiehu l-mizuri kollha ragonevoli biex jimmitiga t-telf li jkun garrab u jekk jirrizulta li ma jkunx adotta dawk il-mizuri, dak in-nuqqas tad-danneggjat ghandu jirrisolvi ruhu fi tnaqqis tal-quantum tad-danni.

Huwa wkoll principju tad-dritt li jekk id-danneggjat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara u li jiehu l-mizuri kollha biex jimmitiga t-telf li jkun garrab, daqstant iehor mhuwiex obbligat li jitghabba b'pizijiet biex jirreduci l-hsara - "*Il-kwestjoni ta' x'inhu ragjonevoli li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara hi kwestjoni ta' fatt li ghandha tigi konsidrata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari u l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut*" ("**Aquilina vs Schembri**", Appell Civili, 24 ta' Jannar, 1969 ; "**Xuereb vs Livick et**", Appell Inferjuri, 3 ta' Novembru 1956 ; **Kollez. Vol. XXXVII.I.478** u **Kollez. Vol. XXXVIII.I.249**).

Fil-kaz fejn vettura bhal dik tal-attur tkun garrbet hsara tali li tkun "*beyond economical* repair" u allura prattikament "*a total loss*", il-Qorti tal-Appell fi-sentenza taghha tat-30 ta' April 1990 fil-kawza "**Debono noe vs Bugeja"** qalet hekk **-** "*jekk il-karozza tigi konsiderata bhala 'total loss' allura l-attur hu ntitolat jigbor minghand il-konvenut id-differenza bejn il-valur ta' l-istess karozza qabel l-incident u l-valur taghha wara l-incident ghax dawk huma d-danni li huwa sofra*." (ara wkoll "**Farrugia vs Bartolo**", Appell Civili, 16 ta' Mejju 1984).

Fil-kaz tal-lum, huwa evidenti li, ghal dawk li huma danni, id-divergenza bejn il-partijiet tirrigwarda l-*preaccident value* tal-vettura tal-attur.

Mil-lat tekniku, l-uniku *survey* li sar kien dak ta' Natalino Agius li kien inkarikat ihejji rapport mill-kumpannija ta' assikurazzjoni tal-konvenut. Gara hekk, kif del resto solitament isir, ghaliex l-attur ma kienx assikurat skond polizza *comprehensive* u ghalhekk meta jigri hekk is-*survey* jigi kondott *bla pregudizzju* mill-assikurazzjoni tax-xufier li tieghu qed addebitata htija ghall-incident u allura tista` eventwalment tkun hi li taghmel tajjeb ghad-danni. Bhala fatt, l-attur ma nkarika l-ebda *surveyor* privatament sabiex jaghtih direzzjoni teknika dwar il-quantum tad-danni li kien intitolat ghalihom. Natalino Agius huwa xhud kompetenti biex jixhed f`din il-kawza in linea mal-kompetenza tieghu. Naturalment dak li xehed irid jitqies fil-kuntest tal-provi <u>kollha</u> akkwiziti u meqjusa fl-assjem taghhom. Din il-Qorti taghti piz ukoll ghall-fatt, mistqarr mill-istess Natalino Agius, li sabiex hu wasal ghall-*preaccident value*
Huwa jghid li ddiskuta mal-agenti tat-Toyota f`Malta.

Sabiex tasal ghal risarciment gust u tajjeb in linea mal-principji tad-dritt fuq enuncjati, din il-Qorti trid tqis il-fattispeci tal-kaz u in partikolari l-fatt li l-vettura nxtrat gdida mill-attur seba` xhur biss qabel l-incident. Fil-qies taghha, din il-Qorti se taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet –

<u>Il-prezz tal-vettura meta nxtrat mill-attur.</u> Jirrizulta li l-attur xtara l-karozza ghall-prezz ta` **<u>€20,499</u>**. Skond ix-xhieda ta' Paul Formosa u fuq l-iskorta tal-*invoice* DOK PF1, dak il-prezz kien kompost hekk : €20,596 (*vehicle price*) + €599.99 (*Eclipse Black*) - €1200 (*discount*).

<u>Id-deprezzament naturali taghha ghaliex intuzat fit-triq</u>. Jirrizulta li sad-data tal-incident il-vettura tal-attur kienet terrqet biss 4600 km u kollox jindika li kienet f`kondizzjoni tajba hafna. Eppure, skond l-uzu, deprezzament fuq il-prezz taghha irid isir anke wara seba` xhur ; regola ma

hemmx. Din il-Qorti tghid *arbitrio bono viri* li d-deprezzament ghandu jkun ta’ 6% tal-prezz imhallas u allura l-valur taghha jigi jonqos bi **€1,230**.

Ghalhekk il-*preaccident value* ta` **dik** il-karozza huwa **€19,269**.

Mhix kontestata l-istima ta’ Natalino Agius li l-vettura de qua kellha *wreck value* ta` **€4,000**.

Mela d-danni attwali tal-attur huma **€15,269** u l-attur izomm ir-*wreck.*

Ghal din il-Qorti, mhix konsiderazzjoni valida ghall-fini tal-principju tar-*restitutio in integrum* kemm kienet tiswa vettura gdida bhal ma kellu l-attur fiz-zmien tal-incident jew kemm vettura bhal ma kellu l-attur tiswa llum. Il-konsiderazzjoni rilevanti hija **biss** x’telf attwali u effettiv garrab l-attur fid-data tal-incident fir-rigward tal-vettura li taghha kien hallas prezz seba` xhur qabel.

U allura meqjusa dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ssostni li t-telf attwali u effettiv tal-attur jammonta ghal **€15,269 bl-attur izomm ir-*wreck***.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u ghalhekk –**

**1) Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku mertu ta’ din il-kawza.**

**2) Tillikwida d-danni tal-attur fl-ammont ta’ hmistax-il elf mitejn disgha u sittin Ewro (€15,269) b’dan illi l-attur izomm ir-*wreck* tal-vettura Toyota Auris Nru. DAV 288.**

**3) Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ hmistax –il elf mitejn u disgha u sittin Ewro (€15,269) in linea ta’ danni, bl-imghax legali ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena, b’effett mil-lum.**

**4) Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjes kollha tal-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------